**Fis-skiet tal-kappella**

Fis-skiet tal-kappella
Hawnhekk jien nistrieħ,
Insib dik il-paċi
Li tħallini fih.

Hawn niftakar sewwa
Il-grazzji li rċivejt,
Hawn nara kemm ħniena
B'idi jien missejt.

Hawn, il-ħniena t'Alla
Daħlet ġo fija,
Hawn, intbaħt bl-imħabba
L'hi armonija.

Rajt ukoll ħaġ'oħra
Li lkoll maqugħdin,
Familja iridna
Aħna maħbubin.

Imħallta l-familja
Hi minn kullimkien,
Alla hu Missierna
Imħabba bla tmiem.

Daħka kbira w ħoxna
Li tifred lin-nies,
Il-mewt daqt tiġborna
Jispiċċalna l-qjies.

Alla jħobbna kollha
Ejjew ningħaqdu,
Dan hu d-destin tagħna
Nieqfu nitbaqbu.

Infaħħrek Mulejja
Li tkisser il-pjan,
Biex jinħaqru wliedek
Ma! Dak fih xitan!

Iġborna familja
Din biss hija t-triq,
Eħles mit-tbatija
'l min ħakmuh b'wiċċ sfieq.

Reġa' lura kollox
Għal dak il-ħelsien,

Hekk tilqa' it-tifħir
Minn kull maħluq jien.

Dil-kelma qaddisa
Li ħarġet minnek,
Missieri inħobbok
Int, ħadd ma jifhmek.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.